DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/2185

tat-8 ta' Novembru 2022

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Diċembru 2018 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 ([1]).

(2) Fis-7 ta' Ġunju 2021 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/919 ([2]), li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 u li testendi l-perjodu ta' implimentazzjoni għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha sat-30 ta' Novembru 2022.

(3) Fis-7 ta' Ġunju 2022 u fis-6 ta' Settembru 2022 l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità u l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, rispettivament, fil-kapaċità tagħhom bħala aġenziji ta' implimentazzjoni, talbu estensjoni ta' seba' xhur tal-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 sat-30 ta' Ġunju 2023, fid-dawl tad-dewmien kontinwu fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-proġetti skont id-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19.

(4) Il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 sat-30 ta' Ġunju 2023 tista' titwettaq mingħajr ebda konsegwenza fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2023.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brusell, it-8 ta' Novembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. STANJURA

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1939 tal-10 ta' Diċembru 2018 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ĠU L 314, 11.12.2018, p. 41).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/919 tas-7 ta' Ġunju 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ĠU L 201, 8.6.2021, p. 27).